

Brussell, 13 ta' Lulju 2021
(OR. en)

10790/21

COUR 47
INST 271
JUR 411

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9730/21	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (22 ta' Ġunju 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta' Ġunju 2021.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar ir-rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni
Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' Diċembru 2020 previst mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi valutazzjoni fil-fond dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali wara r-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-2015, li l-oġġettivi ewlenin tagħha, kif imfakkra fil-Premessa 5 ta' dak ir-Regolament, kienu tnaqqis fi żmien qasir kemm tal-volum ta' kawżi pendenti kif ukoll tad-dewmien eċċessiv tal-proċedimenti quddiem il-Qorti Ġenerali.
2. IFAKKAR li din ir-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja, li tikkonsisti mill-irduppjar tan-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali waqt li jiġi żarmat it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kienet akkumpanjata minn żieda sostanzjali fin-numru ta' persunal għad-dispożizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tkun tista' tilħaq u taqbeż il-produttività kumplessiva tal-Qorti Ġenerali u tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku li jaġixxu bħala qراطي tal-prim'istanza qabel l-2016 filwaqt li tiġi żgurata kwalità għolja tad-deċiżjonijiet tagħha.
3. JIRRIKONOXXI li filwaqt li, b'mod partikolari minħabba l-kriżi tas-saħħa pubblika fl-2020 u l-fatt li l-fażi finali tar-riforma ġiet implimentata biss f'Settembru 2019, ma tista' tinsilet l-ebda konklużjoni definittiva fir-rigward tal-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali, l-effettività tal-irduppjar tan-numru ta' mħallfin jew l-użu u l-effettività tar-riżorsi addizzjonali, ir-rapport jenfasizza ċerti xejriet pożittivi lejn il-kisba tal-oġġettivi tar-riforma tal-2015.
4. JILQA' l-isforzi kollha li saru biex titjieb l-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali wara r-riforma minkejja l-ostakli u s-sitwazzjoni diffiċli relatati mal-kriżi tas-saħħa pubblika tal-Covid.

5. JIRRIKONOXXI l-progress li sar fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti, b'mod partikolari fil-kawżi dwar il-kompetizzjoni u fil-kawżi dwar il-proprjetà intellettuali; JINKORAĠĠIXXI, fuq il-linji ssuġġeriti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rapport tagħha, lill-Qorti Ġenerali biex tinsisti bl-isforzi tagħha biex tkompli tnaqqas it-tul tal-proċedimenti, b'mod partikolari f'kawżi ta' għajnuna mill-istat u tal-persunal li għalihom s'issa ma għie osservat l-ebda effett pożittiv tanġibbli tar-riforma, inkluż permezz ta' rievalwazzjoni tal-iskadenzi interni, mingħajr preġudizzju għall-kwalità tad-deċiżjonijiet; JAQBEL mal-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jiġu implimentati miżuri ta' monitoraġġ regolari biex jiġi żgurat bilanċ stabbli u sħiħ bejn l-ammont ta' xogħol tal-imħallfin.
6. JAPPOĠĠA r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-Qorti Ġenerali għandha tidentifika fil-pront, hekk kif jiġu ppreżentati fir-Reġistru, azzjonijiet destinati li jiġu miċħuda bħala manifestament inammissibbli jew infondati u li tiżgura ġestjoni u rieżami aktar attivi tal-fajl mill-ewwel skambju ta' noti; JISSOTTOLINJA madankollu, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' proċess ġust, il-prinċipju tal-kontradittorju u d-dritt li wieħed jinstema', l-importanza u l-funzjoni ċentrali tas-seduti orali, li huma partikolarment importanti għal ġurisdizzjoni tal-prim'istanza li teħtieġ li tivvaluta l-fatti u l-evidenza
7. JIKKONDIVIDI t-tħassib tal-Qorti tal-Ġustizzja li, minkejja tnaqqis sostanzjali fl-ammont medju ta' xogħol għal kull imħallef relatur u l-fatt li mill-2016 in-numru ta' kawżi mressqa jista' jitqies kumplessivament stabbli, l-implimentazzjoni tar-riforma għadha ma ppermettietx lill-Qorti Ġenerali tikseb tnaqqis fin-numru ta' kawżi pendenti, li għadu f'livell għoli. JAQBEL mal-Qorti tal-Ġustizzja li, filwaqt li dan jista' jiġi spjegat sa ċertu punt min-numru storikament għoli ta' proċedimenti sospiżi, biż-żieda tal-ħin tax-xogħol imqatta' mill-imħallfin li jaġixxu bħala mħallfin li jippresjedu f'formazzjonijiet estiżi ta' ġudizzju bi spinta għall-kwalità u minn fatturi esterni, bħat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali fl-2019 u l-kriżi tas-saħħa pubblika fl-2020, il-Qorti Ġenerali għandha tuża r-riżorsi interni kollha tagħha biex tirrimedja din is-sitwazzjoni malajr kemm jista' jkun.

8. JIRRIKONOXXI li l-istruttura l-ġdida tal-Qorti Ġenerali ppermettitilha żżid sa ċertu punt in-numru ta' kawżi rreferuti għal formazzjonijiet estiżi ta' awli, li jikkontribwixxi għal dibattiti aktar fil-fond u tiżiħ tal-awtorità, il-kwalità u l-konsistenza tal-ġurisprudenza tagħha. JISTIEDEN għalhekk lill-Qorti Ġenerali tagħmel użu mir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha biex tirreferi aktar kawżi, speċjalment fil-qasam tal-kompetizzjoni u tal-ġajnuna mill-istat, lill-awli estiżi ta' ħames imħallfin jew lill-Awla Manja fejn id-diffikultà legali jew l-importanza tal-kawża jew ċirkustanzi speċjali oħra jiġġustifikaw dan, skont il-linji ssuġġeriti mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rapport tagħha.
9. JILQA' l-fatt li fl-2019 il-Qorti Ġenerali introduċiet sistema li biha l-kawżi tal-persunal u l-proprietà intellettuali jiġu allokatati rispettivament lil ċertu numru ta' awli predeterminati, li b'hekk jispeċjalizzaw f'dawn l-oqsma filwaqt li jittrattaw ukoll il-kawżi f'oqsma oħra.
10. JIKKONKLUDI li r-rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja enfasizza ċerti żviluppi pożittivi iżda wkoll xi punti ta' attenzjoni li jeħtieġu aktar sforzi konkreti sabiex jinkisbu l-benefiċċji kollha tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja fl-2015, fl-interessi tal-partijiet u taċ-ċittadini; JISTIEDEN għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biex tipprovdi aġġornamenti regolari, permezz ta' mezzi xierqa, dwar il-progress li jkun sar u l-miżuri adottati sabiex il-Kunsill ikun jista' jevalwa bis-siħ sa fejn intlaħqu l-oġettivi ta' dik ir-riforma, inkluż b'mod partikolari meta jsiru proposti għal emendi tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew tar-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti Ġenerali.
-